MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 490/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Maria Georgette Spiteri Gambin**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Maria Georgette Spiteri Gambin, detentriċi tal-karta tal-Identita bin-numru 30971G talli:

Nhar il-11 ta' Awwissu, 2012 irrifjutat illi tagħti aċċess lil żewgħa Michael Gambin għal binhom Gabriel Gambin hekk kif stabbilit mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2012, hekk kif ikkonfermat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2012 fl-atti

tal-kawża fl-ismijiet 'Marie Georgette Spiteri Gambin bs Michael Gambin' (Rik 8/2011 PC) u liema aċċess kellu jiġi ezercitat bejn id-09:30hrs u 11:00hrs u dana kollu bi ksur tal-Artikolu 338(II) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha ċanfira u twiddiba, u finalment, filwaqt illi spjegat lill-imputata bi kliem ċar l-import tad-decizjoni tagħha, innotat li ma ġietx mitluba l-ebda sospensjoni tal-effetti tal-istess deċiżjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Marie Georgette Spiteri Gambin ppreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2012 li bih talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement tilliberha minn kull ħtija u piena.

**4.** Rat id-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Novembru 2013 li biha ddikjarat li ma kienx hemm il-ħtieġa li l-imputata appellanti taqla' mil-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza għaliex l-esekuzzjoni tas-sentenza twaqqfet mill-ewwel Qorti *motu proprio* u pprovdiet fuq it-talba tad-difiża għall-produzzjoni tar-rapport tal-Psikologa Veronica Ellul u tad-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa billi provviżorjament ammettiet il-produzzjoni tagħhom salv kull provvediment ulterjuri li jista' jidhrilha li għandha tagħti fir-rigward fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proċeduri.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

B'digriet tat-22 ta' Frar 2012 il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri-Sezzjoni tal-Familja) ordnat li żewġ l-imputata appellanti kellu jingħatha aċċess għal binhom iż-żgħir minuri bejn id-9.30 am sal-11.00 am kull nhar ta' Sibt u fid-digriet ulterjuri tagħha tat-13 ta' Lulju 2012 ordnat ukoll li l-istess aċċess għandu jitgawda fil-preżenza kontinwa ta' Social Worker u fl-uffiċċju personali taghha u mhux fil-consulting room. Imbgħad, b'digriet ieħor tal-24 ta' Awwissu 2012 l-istess Qorti ordnat li is-Sibt ta' wara kellu jsir l-aċċess kif ordnat bid-digriet tat-13 ta' Lulju 2012 u rriservat li tipprovdi dwar aċċessi ulterjuri wara li tkun rat ir-rapport tas-social workers dwar dan l-aħħar aċċess. Fil-11 ta' Awwissu 2012 l-imputata ma ħaditx lil binha minuri li dak iż-żmien kellu l-eta' ta' sitt snin, sabiex jiltaqa' ma' missieru kif kienet ordnat il-Qorti u anzi għamlet rapport lill-Pulizija li hi ma kienetx

kkonformat mad-digriet tal-Qorti peress li binha ma riedx imur jara lil missieru u dan għamlitu "għal records".

**Ikkunsidrat:**

**7.** L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

(a) l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettement iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ dwar l-inċident tal-11 ta' Awwissu 2012 u dan peress li rriżulta li kien hemm "raġuni xierqa" kif trid il-liġi għaliex l-imputata naqset li tippermetti lill-missier li jkollu aċċess ghall-binha minuri li kien allega li kien ġie abbużat sesswalment minn missieru;

(b) rigward l-inċident li seħħ fil-25 ta' Awwissu 2012 ġie prodott ċertifikat mediku fis-sens li l-minuri ma setax joħroġ mid-dar minħabba mard u din ukoll ċertament hi "raġuni xierqa" kif trid il-liġi. Dan l-aggravju iżda jirrigwarda l-mertu ta' imputazzjoni diversa dedotta fi proċeduri oħra u mhux dawk odjerni u għalhekk din il-Qorti ma hix ser tieħu konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju għall-fini ta' dan l-appell iżda ser tikkunsidrah għall-finijet tal-appell l-ieħor li jġib in-numru 489/2012G li wkoll ser jiġi deċiż b'sentenza separata illum stess.

**8.** Dwar ix-xorta ta' aggravju li nġieb 'il quddiem fl-ewwel aggravju, huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

**9.** Mill-provi prodotti jirriżulta, anki għaliex ammess mill-imputata stess kemm fir-rapport li għamlet lill-pulizija kif ukoll fix-xiehda tagħha quddiem din il-Qorti, li l-imputata naqset milli tieħu lil binha minuri sabiex jiltaqa' ma missieru biex b'hekk dan jingħata l-aċċess ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti tal-Familja. L-imputata, iżda, tallega li dan għamlitu minħabba li binha kien qiegħed jirrifjuta li jara lil missieru għaliex kien qiegħed jallega li kien ġie abbużat sesswalment minnu.

**10.** Biex, fl-interess tal-minuri, tkun tista' tikkontrolla iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti awtorizżat li jiġi esibit provviżorjament ir-rapport tal-Psikologa Veronica Ellul u tad-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa salv kull provvediment ulterjuri li jista' jidhrilha li għandha tagħti fir-rigward fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proċeduri, anki peress li l-istess rapport ma kienx għadu ġie redatt meta ingħatat is-

sentenza appellata. F'dan l-istadju din il-Qorti qed tirriafferma dak il-provvediment tagħha u għalhekk ma hi ser tipprovdi xejn iżjed dwar l-istess esibiti.

**11.** Fil-kors tal-eżami tagħha tar-rapport tal-Psikologa l-Qorti nnotat li fir-rapport saret riferenza għall-kontenut ta' *video conference* ta' konverżazzjoni li kienet saret bejn il-Maġistrat li kien ta' d-digrieti ta' aċ ċess mill-missier għall-minuri kif ukoll għat-traskrizzjoni tal-istess konverżazzjoni u għalhekk din il-Qorti, bl-adeżjoni kemm tad-difiża kif ukoll tal-parti ċivili, ordnat li tiġi esibita kopja diġitali tat-tape tal-*video conference* in kwistjoni kif ukoll it-traskrizzjoni tal-konverżazzjoni msemmija.

**12.** Fir-rapport ferm dettaljat u ben artikolat tagħha il-Psikologa Veronica Ellul esprimiet xettiċiżmu kbir dwar il-veradiċita' ta' dak li kien qiegħed jiġi allegat mill-minuri fil-konfront ta' missieru u rrilevat diversi aspetti tal-imġieba tiegħu li xejn ma kienu konsistenti mal-imġieba da parti ta' minuri li verament għadda mill-esperjenza li kien qiegħed jallega. Hija rrilevat li l-minuri kien inkonsistenti fil-verżjoni ta' dak li ġara bejnu u missieru. Inoltre, l-minuri kien jidher li l-unika ħaġa li kien interessat fiha meta kellmitu kien biex jinformha dwar kemm kien raġel "ħażin" missieru. Il-Psikologa rrimarkat dwar ir-*rehearsed tone* tal-istorja li kien jirrakkonta u li matulha ma kien juri ebda emozzjoni li wiehed kien jistenna minn minuri li jirrakonta tali esperjenza: la imbarazzament, la rabja, ansjeta', stmerrija jew biża'. Dan setgħet anki tikkonstatah din il-Qorti stess mill-eżami tar-registrazzjoni tal-*video conference* tal-minuri mal-Maġistrat fil-kors tal-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Familja fejn il-Qorti setgħet tinnota l-mod priv min kull emozzjoni li bih il-minuri beda jwieġeb għad-domandi tal-Maġistrat tant li aktar beda jwieġeb bħallikieku xi awtoma li sempliċement qed tirreaġixxi għal stimulu estern kif imħarrġa tagħmel aktar milli ta' persuna li qed tirrakkonta xi ħaġa reali u skonvolġenti li għaddiet minnha.

**13.** Sinjifikanti wkoll hija r-riferenza li tagħmel il-Psikologa ghal-*Parental Alienation Syndrome* (PAS) fejn il-minuri jkunu inkwieti bid-diżapprovazzjoni u l-kritika da parti ta' xi ġenitur u li jista' jiġri bħala riżultat, fost oħrajn, ta' manipulazzjoni, programmar, *brainwashing*, u kommunikazzjonijiet indiretti mhux xierqa. Il-Psikologa tagħmel ukoll riferenza għal xi ċirkostanzi li okkorrew fil-kors tal-inkarigu tagħha li setgħu jindikaw li dan kien qiegħed jiġri bħal meta t-tifel allega li hija kienet ħbiet it-toys ta' missieru taħt il-putruna fil-kamra tagħha u li kienet merietu fuq xi ċirkostanza li qal hu, hwejjeġ li ma kienux minnhom. Żiedet tgħid li ommu kienet qaltilha li l-minuri kien reluttanti li jiltaqa' magħha (mal-Psikologa) għaliex ma kienetx qed temmnu li seta' jindika li l-minuri kien qiegħed jiġi infurmat dwar il-kontenut tar-rapporti tagħha tant li f'okkażżjoni sussegwenti it-tifel kien irrabbjat lejha u beda jinsultha u meta uriet empatija lejh minflok irrabbja deher sorpriż.

**14.** In kwantu għall-personalita′ tal-imputata u ta′ żewġha l-Psikologa ddeskriviet lill-imputata bħala li timmanifesta traċċi ta′ personalita′ istrijonika, inflessibbli biex tikkunsidra spjegazzjonijiet alternattivi, tidher determinata biex tipprova li l-abbuż effettivament ġara, hija omm protettiva żżejjed u emotiv. Dan kollu setgħet tikkonstatah din il-Qorti stess waqt ix-xiehda li tat quddiemha l-imputata. In kwantu għall-missier dan ġie deskritt mill-Psikologa bħala ansjuż, sottomess u *withdrawn* u seta′ ma kienx preżenti fil-ħajja ta′ uliedu meta kienu għadhom jgħixu flimkien u li għalhekk ir-rabta ma uliedu setgħet kienet aktar dgħajfa minn dik ta′ bejn uliedu u ommhom.

**15.** Il-Psikologa ssemmi li l-unika indikazzjoni li l-minuri seta′ ġie espost għal dak li kien jallega hija ċ-ċirkostanza meta l-minuri pinġa dak li kellu jkun l-organu ġenitali ta′ missieru li pinġieh b′xagħar pubiku u kien jidher ċirkonċiż iżda l-Psikologa uriet il-fehma li dan ma setax jintuża bħala l-uniku kriterju.

**16.** Il-Psikologa, apparti kunsiderazzjonijiet oħra interessanti li hi tagħmel u li kollha huma relevanti għall-fini tal-apprezzament tal-piż li jista′ jingħata lill-allegazzjonijiet tal-minuri, iżda li ma hux il-każ li jiġu hawn eżawrentement u dettaljatament elenkati u sottolineati, tispjega li dak li seta′ ġara hu li l-minuri ġie impressjonat mill-persuna li kienet tieħu ħsiebu b′domandi diretti u suġġestivi u ripetuti ta′ spiss speċjalment jekk il-minuri bħala persuna vulnerabbli kienet tkun tħossha intimidata mill-persuna li tagħmlilha d-domandi. Di fatti hu ferm sinjifikati dak li tistqarr il-Psikologa li "When children struggling because of divided loyalties towards their parents especially in situations of high conflict separation they are very often more prone to suggestive questions and the risk accusing a non-abusing parent to please the other parent."

**17.** L-imputata xehedet fit-tul iżda di xjenza proporja ma setgħet tirrakkonta xejn fuq dak li l-minuri jallega fil-konfront ta′ missieru. L-istampa tal-personalita′ tagħha li toħroġ mid-depożizzjoni tagħha tikkoinċidi b′mod ferm tajjeb ma′ dik deskritta mill-Psikologa. L-imputata indikat diversi persuni li lilhom il-minuri rrakkonta dak li kien għaddha minnu fosthom ssemmi lil ommha, li kienet l-ewwel persuna li kellem dwar il-każ, lil Melvin l-Ispettur, lil żewġ social workers tal-Appoġġ, lill-Avukat tat-Tfal Dr Sammut Catania. Ħadd minn dawn ma ġie prodott jixhed in difeża. Fid-depożizzjoni tagħha l-imputata tallega li l-Psikologa kienet ġiet appuntata fuq talba tagħha mentri mill-verbal quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Sezzjoni tal-Familja tat-13 ta′ Lulju 2012 (fol. 10) jirriżulta li t-talba kienet saret minn żewġha, missier il-minuri. Inoltre, l-imputata kjarament turi li ma kienetx kuntenta bil-proċess tal-aċċess li kienet issibu twil u jverġi fuq il-vessatorju. Di fatti tant tilmenta li l-proċess kien twil ħafna, saru ħafna affarijiet differenti, filli l-missier jara lil uliedu t-tlieta f′daqqa u filli ma riedx jarahom iktar it-tlieta f′daqqa u minflok l-ewwel jara lill-kbar nofs siegħa kull wieħed u lill-minuri Gabriel ried jarah kull nhar ta′ Sibt għal hin itwal u dan ġie konċess lilu. (fol. 77-78). Dan kollu kien qiegħed idejjaq lill-impuata.

**18.** Il-Qorti fliet fid-dettal il-provi kollha prodotti u d-depożizzjonijiet tax-xhieda u xejn ma hi persważa li dak allegat mill-minuri fil-konfront ta' missieru effettivament ġara. Anzi hi tal-fehma li dak allegat ma ġarax. B'dana kollu, tenut kont anki tal-personalita' tal-imputata din setgħet kienet temmen li dak allegat effettivament kien ġara. Iżda dan waħdu ma hux biżżejjed sabiex jiġġustifika n-nuqqas li toqgħod mad-digriet tal-Qorti. Seta' kien il-każ li jiġi ritenut li kellha raġuni xierqa li ma tottemprax mad-digriet li kieku ma kellhiex l-opportunita' li tadixxi lill-Qorti kompetenti u ġġib is-sitwazzjoni a konjizzjoni tagħha sabiex tirrevedi l-provvediment tagħha dwar l-aċċess; iżda dan ma kienx il-każ. Di fatti waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2012 is-sitwazzjoni nġiebet a konjizzjoni tal-Qorti kompetenti li fuq talba ta' missier il-minuri nnominat il-Psikologa Dr Veronica Ellul u ordnat li fil-frattemp l-aċċess kellu jitgawda fil-preżenza kontinwa ta' Social Worker u fl-uffiċċju personali tagħha u mhux fil-consulting room. Għalhekk, għall-aċċess in kwistjoni f'dawn il-proċeduri il-Qorti kienet ġia ħadet il-provvediment opportun u ffissat il-modalitajiet opportuni sabiex l-aċċess ikun jista' jsir bla biża ta' xi mġieba mhux xierqa da parti tal-missier u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni valida għaliex l-imputata tirrifjuta l-aċċess lill-missier. Anqas ma hi raġuni suffiċjenti, anki jekk vera, li l-minuri ma riedx jiltaqa' ma missieru għaliex ċertament minn ġenitur responsabbli hu mistenni li tuża l-awtorita' tagħha ta' ġenitur sabiex tikkontrolla lill-minuri binha u taċċerta ruħha li minuri tal-eta' hekk tenera bħal ma hi dik tal-minuri in kwistjoni jġib ruħu sew u konformement mal-liġi. Ma tkunx trobbija idoneja jew eżerċizzju responsabbli tad-doveri ta' ġenitur jekk dan jippermetti lil ibnu minuri, fil-każ odjern tal-eta' biss ta' sitt snin, jagħmel li jrid u li jfettilu darba li jkunu ttieħdu miżuri idoneji sabiex il-minuri ma jkunx fil-perikolu. Wara kollox ma jirriżultax li l-imputata hi xi waħda li ma hix kapaċi tasserixxi l-awtorita' tagħha, anzi, rriżulta proprju l-oppost.

**19.** Fir-rikors tal-appell tagħha l-imputata appellanti taċċenna għall-artikolu 247A tal-Kodiċi Kriminali u tirreferi għalih bħala "tranell". Dan l-artikolu jipprospetta bħala reat kriminali il-moħqrija ta' tifel taħt l-eta' ta' tnax-il sena li tinkludi t-traskuraġni tat-tifel fil-bżonnijiet tiegħu ta' protezzjoi adegwata biex ma tiġrilux ħsara. Apparti li l-konformita' ma' ordni tal-Qorti ma tista' qatt twassal ghar-reat imsemmi, il-Qorti fl-ordni tagħha kienet ħadet il-miżuri opportuni sabiex it-tifel jiġi mħares minn xi ħsara u għalhekk ma jirriżultax li kien hemm xi perikolu li l-imputata appellata tinkorri f'xi responsabilita' taħt l-artikolu msemmi.

Għall-motivi premessi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata qed tiġi konfermata u għalhekk in konformita' mal-artikolu 15 tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef li qiegħed jippresjedi qiegħed iċanfar u jwiddeb lill-imputata appellanti fil-Qorti bil-miftuħ.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------